# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat**
**Dr. Noel Cuschieri LL.D., Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Kump.320/99***

***Pulizija***
***Sp. (Illum Spretendent) Martin Bayliss***
***vs***
***Lorenza Dimech***

Illum 21 Ta' Frar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuza***

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputata Lorenza Dimech hija bazata fuq ir-reat ta' **Offiza Involontarja fuq il-persuna**, kontemplat fl-Artikoli 225 u 226 tal-Kap.9.

***Kwadru tal-fatti***

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fl-14 ta' Jannar 1998 ghall-habta tat-8.30 am. sehh incident go skola maghrufa bhala ***Bambi Play School*** f' San Giljan, fejn tifel ta' hames snin waqa' gholi ta' sular u garrab f' rasu griehi ta' natura gravi.

Illi mill-kumpless tal-provi emerga li t-tifel, Nicholas Stivala, kien wiehed mit-tfal tal-klassi li kienet responsabbli ghaliha l-imputata Lorenza Dimech. Il-kamra ta' din il-

klassi hija sitwata fis-sular ta' fuq u ghandha wiehed mill-bibien taghha vicin hafna tal-landing tat-tarag li jaghti ghal isfel. Dan it-tarag huwa maqsum permezz ta' landing ohra u huwa forma tal-ittra **'L'** kif jidher mir-ritratti esebiti u mir-relazzjoni tal-espert arkitett.

Illi dak in-nhar, wara li t-tfal kienu dahlu fil-klassi, bejn it-8.30 am. u 9.00 am. u l-imputata tat ix-xoghol lit-tfal, hekk kif dehrilha li kienu ssetiljati qaltilhom li kienet ser tinzel isfel sabiex iggib xi karti u li ma kienitx ser iddum. Fil-fatt kif rat it-tfal go posthom, hija ghalqet il-bieb tal-klassi, li jigi kwazi faccata tal-landing tat-tarag, u nizlet isfel fl-ufficcju tas-segretarja li huwa sitwat fil-vicinanzi ta' l-ahhar targa. F' daqqa wahda, meta l-imputata kienet ghadha f' dan l-ufficju, nstema' twerzieq u xi hadd jghajjat li kien waqa' tifel. Hekk kif l-imputata u s-segretarja Lucienne Spiteri hargu jigru mill-ufficju dawn raw lill-imsemmi Nicholas Stivala mixhut ma' l-art fejn l-ahhar targa. Issejhet immedjatament l-ambulanza u t-tifel ittiehed l-Isptar, fejn gie iccertifikat li kien fi stat kritiku hafna minhabba trawma qawwija f' rasu. Intervjeniet il-pulizija, u saret inkjesta Magisterjali fuq il-lok tal-incident.

***<u>Offizi</u>***

Illi rizultat ta' dan l-incident Nicholas Stivala sofra griehi f' rasu ta' natura gravi u permanenti ai termini *tal-Artikolu 226 (1)(a) b' referenza ghall-Artikolu 218 (1)(a) u (2) tal-Kap.9*

***<u>Nicholas Stivala</u>***

Illi fid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, l-imsemmi Nicholas Stivala spjega li meta harget l-imputata mill-klassi, huwa qabdu toilet u ghalhekk hareg mill-kamra, pogga siggu fuq il-landing vicin il-poggaman ta' fuq u ttawwal ghal isfel biex isejjah jew jara lill-imputata. Mieghu kien hemm tifla zghira ohra li qaltlu sabiex ma jaghmilx hekk ghax kien ser jaqa'. Fil-fatt dak il-hin ghelbitu rasu u baqa' niezel ghal isfel. Nicholas kompla jghid li huwa ma setax jistenna lill-imputata tirritorna peress li l-bzonn naturali tieghu kien urgenti. Fuq mistoqsija, huwa spjega li kien gab is-siggu biex jittawwal minflok ma jinzel it-tarag, peress li beza' li jekk jipprova jinzel it-tarag seta' jizloq ghal isfel. Qal ukoll li l-imputata qabel ma harget qaltilhom li kienet ser iddum *"three minutes."*

In propositu ghad-dinamika tal-incident, il-Qorti tosserva li skond ix-xhieda tas-Supretendent Martin Bayliss, meta dana fl-istadju investigattiv kien kellem lit-tfal tal-klassi ta' Nicholas, *"min qalli li Nicholas hareg wara t-teacher tieghu u gheleb minn fuq, u min ukoll qalli li rawh niezel it-tarag u tgerbeb it-tarag."* Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll din l-ahhar versjoni, izda wara li ezaminat u studjat il-kaz kollu, hija tal-fehma li ghandha taghti affidament ghall-versjoni li ta Nicholas Stivala li, apparti milli kien sod fl-asserzjoni tieghu, kien konsistenti il-hin kollu.

***<u>L-Imputata</u>***

Illi l-imputata xehdet kemm fil-kors tal-inkjesta magisterjali, kif ukoll quddiem din il-Qorti. Illi fix-xhieda taghha quddiem il-Magistrat Inkwirenti hija qalet li hi kienet ghalqet il-bieb li jaghalaq ghall-landing. Hija pero' ma sakkritux. Qalet ukoll li dan il-bieb jista' jinfetah facilment minn gewwa, u l-pum huwa fil-baxx *"livell tat-tfal"*. Qalet ukoll li lil Nicholas Stivala *"kont ghadni kif ghidtlu xi zewg kelmiet peress li kien qed jilghab ma' xi switch ..... Dan it-tifel huwa tifel normali bhat-tfal l-ohra, forsi huwa ftit hyperactive, fis-sens li m' ghandux kwiet bil-qieghda".*

Rigward il-fatt li ma sejhitx replacement teacher, l-imputat lill-Magistrat Inkwirenti qaltilha hekk: *"Magenb il-klassi tieghu hemm klassi ohra, u s-soltu meta jiena nohrog mill-kamra nghid it-teacher tal-klassi l-ohra biex tittawlilhom, pero' peress li din id-darba kull ma kont ser naghmel kien li ninzel isfel, nigbor xi karti u nerga' nitla'* ***ma hassejtx li kien hemm bzonn.****" (Dok. AG Fol.16 et seq.)(emfasi tal-Qorti).*

Illi fid-deposizjoni taghha quddiem din il-Qorti, l-imputata spjegat li hija bhat-teachers l-ohra jahdmu hinijiet twal bla break mit-tfal. Il-gurnata taghhom tibda fit-8.15 am. u tispicca fis-2.30 pm. Matul dan il-perijodu tal-gurnata hija toqghod mat-tfal il-hin kollu, anki fil-hin tal-break taghhom. Qalet ukoll li peress li ma kellhomx sistema ta' qniepen jew mod iehor biex isejhu lil xulxin hija u l-ghalliema l-ohra kienu jinzlu fl-ufficju tas-segretarja ghall-istationery meta jkollhom it-tfal fil-klassi. Spjegat ukoll li skond il-prassi addottata minnhom dak iz-zmien, fil-kaz li teacher ikollha tillarga mill-klassi hija kienet taghajat lis-segretarja jekk kienet ser ddum, jew inkella tghajat lit-teacher tal-klassi adjacenti jekk tkun kwistjoni ta' sekondi jew minuti.

Fuq mostoqsija ta' l-ufficjal prosekutur ghaliex ma qalitx lil teacher ohra sabiex taghti daqqa t' ghan lill-klassi sakemm tinzel isfel, l-imputata rrispondiet: *"Stajt ghidtilha hekk, imma fl-istess hin kellha t-tfal taghha wkoll."* Lill-ufficjal prosekutur fi stadju investigattiv kienet qaltlu *"it was just a couple of minutes."* Hija qalet ukoll li gieli qalet lil teachers ohrajn biex jaghtu daqqa t'ghajn *"meta nkun ser indum."* Qalet ukoll li l-bieb tal-klassi kien jinghalaq izda ma jissakkarx ghax kien minghajr lock.

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

***Osservazzjonijiet Guridici***

Illi l-akkuzi migjuba kontra l-imputata huma bazati fuq dak li hemm kontemplat fl-Artikoli 225 u 226 tal-Kap.9 li jikkontemplaw ir-reat ta' Offiza Involontarja fuq il-persuna. F' dawn id-disposizjonijiet, u precisament fl-Artikolu 225, il-ligi tispecifika dawk il-kazijiet fejn in-negligenza da parti ta' persuna tista' twassal ghar-responsabilita' kriminali. Skond dan l-Artikolu din ir-responsabilita' tigi radikata meta l-effett ingurjuz – mewt jew offiza fuq il-persuna (bhal fil-kaz de quo) – ikun gie kagunat *"b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni .. jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti .."* Jekk jirrizulta li l-effett dannuz kien il-kawza <u>diretta u immedjata</u> ta' dan il-komportament uman, allura tiskatta r-responsabilita' kriminali fuq l-awtur tal-azzjoni

It-teorija tan-negligenza kriminali kif koncepita fid-dritt nostrali giet abilment esposta b' mod konciz mill-Onor.Qorti tal-Appell Kriminali fis-segwenti termini *" Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju ... illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti* ***generikament*** *f' nuqqas ta' hsieb (imprudenza) traskuragni (negligenza) jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti* ***specifikatament*** *f' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b' ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f' kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza umana identifikat mal-bonus pater familias , cioe', illi fil-kaz konkret, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret." (Vol.XLV.1V – 1961)*

"Kif jispjega l-gurista Taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid izomm f' mohhu li fil-hajja socjali jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha, jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplitaw attivita' partikolari, tghallem li f' dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interess ta' l-ohrajn jigu pregudikati." (Vol.LXXX.IV – 1996)

Il-grad ta'diligenza li l-ligi tirrikjedi mhuwiex il-massimu tad-diligenza kollha koncepibbli u possibbli, imma tirrikjedi dik id-diligenza li *"a reasonable or an ordinarily prudent man"* kien jesercita fic-cirkostanzi tal-kaz partikolari u fil-kuntest ta' dawk il-fatti li l-agent kien konxju taghhom. Mhux rikjest mill-ligi li persuna tkun timoruza izzejjed, kif lanqas hu rikjest l-oppost, ossia li persuna tkun kunfidenti zzejjed – il-figura ta' *bonus paterfamilias* jew *reasonable man* telimina dawn l-estremi ta' komportament uman u tirriduci l-kwistjoni ghall-livell ta' kondotta ragjonevoli u prudenti.

Konformament mal-premess, jekk l-agent **jonqos li jipprevedi dak li kien prevedibbli ghal bniedem li jesercita diligenza ragjonevoli u ordinarja, fic-cirkostanzi tal-kaz u fil-kuntest tal-fatti li huwa kien konsapevoli taghhom;** allura, jekk javveraw il-konsegwenzi fatali jew dannuzi indikati fl-Artikoli precitati, huwa jkun responsabbli kriminalment fit-termini tal-istess.

Punt iehor li ghandu relevanza fil-kaz in disamina huwa li, skond l-insenjament tal-awturi u l-gurisprudenza lokali, **la n-negligenza kontributorja** tal-vittma u lanqas il-fatt li l-effett dannuz kien dovut **ukoll** ghan-nuqqas ta' terzi, ma jezoneraw lill-agent mir-responsabilita' kriminali. Jekk, tezisti negligenza ta' terzi wkoll, allura **dawn huma wkoll, kollha responsabbli kriminalment ghal dak li gara**. Fi kliem iehor **in-negligenza ta' terzi** ma teskludix ir-responsabilita' kriminali fil-konfront tal-agent, purche' jikkonkorru fil-konfront ta' dan ta' l-ahhar l-elementi tan-negligenza kriminali kif fuq esposti.

Fi kliem iehor jekk fil-kaz prezenti jigi pprovat li - nonostante li kien hemm negligenza ta' terzi (f' dan il-kaz l-awtoritajiet tal-iskola), l-azzjoni tal-imputata

kienet l-effett dirett u immedjat tal-event dannuz, allura din ghandha tirrispondi kriminalment a tenur tal-imsemmija aritikoli tal-ligi;  salv temperament **fil-piena** fejn ikun il-kaz.

***Osservazzjonijiet fattwali***

Illi il-Qorti thoss li s-segwenti konsiderazzjonijiet ghandhom grad gholi ta' relevanza ghall-finijiet tal-esercizju odjern:

**1.** Illi mill-provi rrizulta ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti illi, nonostante li jidher li ma jezistux regolamenti procedurali bil-miktub dwar il-gestjoni ta' l-iskola, rrizulta li l-prassi kostanti kienet li meta ghalliema ikollha bzonn  tillarga mill-klassi hija kienet jew isejjah is-segretarja sabiex tissostitwiha, jew inkella, f' kaz li l-assenza kienet tkun qasira fis-sens ta' ftit sekondi jew minuti, titlob l-ghalliema tal-klassi vicin taghha sabiex taghti daqqa t' ghajn, u dana stante li l-klassijiet huma vicin hafna ta' xulxin.

In propositu ghal dan il-kamp tal-provi, il-Qorti tirrileva li l-premess rrizulta mix-xhieda ta' persuni mpjegati fl-iskola inkluza dik tal-imputata.  Il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' sabiex tisma' x-xhieda tal-kap tal-iskola, Maris D' Anastasi, stante li din legittimament talbet, f' zewg okkazzjonijiet, li tigi ezentata milli tiddeponi peress li skond hi l-avukat taghha qalilha li tista' tesponi ruhha ghal xi azzjoni kriminali.

**2.** Illi kemm mix-xhieda prodotti, kif ukoll mir-relazzjoni tal-Ufficjal Edukattiv Ghas-Sahha u Sigurta', Godwin Abela, nominat espert fil-kaz odjern,  rrizulta manifest li fl-imsemmija skola kien hemm diversi mankanzi – uhud goffi - ta' sikurezza, fosthom dik li x-xatba tat-tarag li jaghti ghal isfel ma kinitx tissakkar, u lanqas kellha lock fiha.  Dawn gew elenkati fl-imsemmija relazzjoni, u jidher li r-rakkomandazzjonijiet gew imwettqa.  Illi pero' ghall-finijiet tal-ezercizzju odjern, dak li huwa relevanti huwa **l-istat ta' l-iskola fiz-zmien tal-incident**.

**3.** Illi f' dak iz-zmien minbarra li rrizultaw diversi mankanzi fl-ambjent ta' l-iskola, irrizulta wkoll li l-ghalliema kienu jahdmu hinijiet twal minghajr break mit-tfal fis-sens li l-'break' kienu jihduh mat-tfal u bit-tfal maghhom.  Huwa difficli ghal din il-Qorti sabiex tikkoncepixxi kif dan it-tip ta' *'break'* jista' jikkwalifika jew jista' jigi logikament interpretat bhala *'break'* fis-sens ordinarju tal-kelma – u cioe' perijodu

zghir ghat teacher bil-ghan ta' mistrieh u sabiex taqdi l-bzonnijiet taghha, meta si tratta, bhal fil-kaz in disamina, ta' **intervall li fih jibqa' jsir mill-istess ghalliem supervizjoni fuq tfal ta' eta' zghira.**

***Konkluzjoni***

Illi l-Qorti tosserva li f' dan il-kaz tikkonfigura r-responsabilita' kriminali fil-konfront ta' l-imputata. L-imputata kienet imprudenti fit-termini ta' l-imsemmija artikoli tal-ligi meta, ghal-skop purament amministrattiv hija halliet 29 tifel ta' eta' zghira hafna **wahedhom** minghajr supervizjoni fi klassi; *multo magis* meta jigi kkunsiderat il-fatt li l-klassi in kwistjoni kienet **perikolozament vicin hafna tal-bidu tat-tarag** fejn bhala protezzjoni ghal isfel kien hemm biss **xatba li ma kellhiex lock**.

Il-Qorti tosserva li l-imputata hadet riskju meta halliet dawn it-tfal minghajr supervizjoni; liema riskju ma kellhiex dritt tiehu, ghax persuna ma ghandhiex dritt tpoggi f' riskju s-sikurezza personali ta' persuna ohra, izjed u izjed meta il-persuni l-ohra jkunu tfal ta' eta' zghira u di piu' **tfal ta' haddiehor**. L-imputata naqset serjament meta **lanqas biss ipprovat** taddotta l-prassi komuni fl-iskola li titlob lill-ghalliema ta' klassi vicina sabiex almenu taghti daqqa t' ghajn lit-tfal fil-klassi taghha waqt l-assenza taghha. Fi kliema *"Hassejt li ma kienx hemm bzonn"( supra )* Ic-cirkostanzi tal-kaz kienu jiddettaw mod iehor; u l-konsegwenzi li segwew urew kemm hi kienet zbaljata f' dan ir-rigward.

L-imputata naqset li tipprevedi dak li kien prevvedibbli fic-cirkostanzi, u cioe' li xi hadd jew xi whud mit-tfal johorgu mill-klassi u jinzlu warajha bir-riskju li xi hadd minnhom ikorri, jew bil-mod li korra Nicholas Stivala jew anki jimbotta x-xatba u jitgerbeb it-tarag. Huwa fatt ben not li tfal ta' eta' zghira jaraw fl-ghalliem persuna vicina hafna ghalihom u jaffezzjonaw ruhhom hafna lejhom, u huwa ferm prevedibbli li xi hadd minnhom jsegwi lit-teacher meta din tillarga. L-imputata li ilha tghallem fl-iskola de quo zgur li kienet taf b' dan il-fatt, jew almenu suppost li kienet konxju tieghu, u allura, qabel ma nizlet ghall-karti kellha d-dmir li tassigura li t-tfal ikunu taht s-supervizjoni ta' xi hadd (1) kemm biex ma jkorrux **fil-**klassi, (2) kif ukoll biex **ma johorgux** mill-klassi. *Multo magis*, meta fil-klassi jkun hemm tfal li jitqiesu bhala *hyperactive*, kif hija stess ddeskriviet lil Nicholas Stivala.

Il-premess igib mieghu r-responsabilita' kriminali, stante li l-iskop tal-abbandun tal-klassi da parti tal-imputata kien wiehed purament amministrattiv. *Aliter* li kieku hija kellha tabbanduna l-klassi maljr ghal xi raguni li fuqha ma kellhiex kontroll ossia rizultat ta' *force majeure,* bhal f' kaz ta' bzonn naturali urgenti, hass hazin jew problema urgenti li tinvolvi wiehed mit-tfal. F' dan il-kaz, s-sitwazzjoni guridika tal-imputata kienet tkun differenti, u kien jassumi aktar qawwa l-fattur tal-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-ghalliema fl-iskola de quo.

In vista tal-premessi konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li l-akkuzi dedotti kontra l-imputata gew sodisfacentement u ampjament provati skond il-ligi.

***<u>Piena</u>***

Illi in propositu ghall-piena li ghandha tigi inflitta f' dan il-kaz, il-Qorti tikkonsidera s-segwenti fatturi bhala elementi li jimmitigaw il-piena:

1. Il-**fedina penali netta** tal-imputata;

2. Il-konsiderazzjoni li **t-trawma ta' l-incident u tal-proceduri penali** odjerni huma deterrent effettiv;

3. Il-**mankanzi da parti tal-awtoritajiet tal-iskola** mill-aspett ta' kondizzjonijiet tax-xoghol tal-ghalliema.

Minn naha l-ohra din il-Qorti ma tistax, anki ghall-finijiet ta' piena, tinjora il-gravita' tal-mankanza u tal-inkuranza da parti tal-imputata meta halliet klassi ta' 29 tifel ta' eta' zghira hafna wahedhom minghajr supervizjoni. Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz ghandha timponi piena pekunjarja.

***<u>Decide</u>***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza a tenur tal-*tal-Artikolu 226 (1)(a) b' referenza ghall-Artikolu 218 (1)(a) u (2) tal-Kap.9* u tikkundanna lill-istess imputata ghall-***piena ta' multa fl-ammont ta' erba mitt lira maltin (LM400).***

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***